**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy Pragi-Południe w Warszawie (il-Polonja) fis-26 ta' Ġunju 2018 – Profi Credit Polska S.A. w Bielsku Białej vs Bogumiła Włostowska, Mariusz Kurpiewski, Kamil Wójcik, Michał Konarzewski, Elżbieta Kondracka-Kłębecka, Monika Karwowska, Stanisław Kowalski, Anna Trusik, Adam Lizoń, Włodzimierz Lisowski**

**(Kawża C-419/18)**

(2018/C 427/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Rejonowy dla Warszawy Pragi-Południe w Warszawie

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Profi Credit Polska S.A. w Bielsku Białej

*Konvenuti:* Bogumiła Włostowska, Mariusz Kurpiewski, Kamil Wójcik, Michał Konarzewski, Elżbieta Kondracka-Kłębecka, Monika Karwowska, Stanisław Kowalski, Anna Trusik, Adam Lizoń, Włodzimierz Lisowski

**Domandi preliminari**

1) L-Artikoli 3(1), 6(1) u 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ([1]) u d-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE ([2]) inkluż, b'mod partikolari, l-Artikoli 10, 14, 17(1) u 19 tagħha, jipprekludu l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tippermetti li jiġi ggarantit kreditu permezz ta' ċedola in bjank minn kreditur professjonist lil persuna li tissellef li hija konsumatur?

L-Artikoli 6(1)u 7(1) tad-Direttiva 93/3 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jimponu fuq il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża li hemm riferiment għaliha fl-ewwel domanda l-obbligu li teżamina *ex officio* jekk id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt li jikkostitwixxu r-relazzjoni legali fundamentali li hija l-bażi tal-obbligu ta' ċedola ma jinkludux klawżoli kuntrattwali inġusti, anki meta l-bejjiegħ jew fornitur rikorrent jibbaża t-talba tiegħu esklużivament fuq ir-relazzjoni bbażata fuq iċ-ċedola?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.
([2]) ĠU 2008 L 133, p. 66, rettifika fil-ĠU 2009 L 207, p. 14; rettifika fil-ĠU 2010 L 199, p. 40; rettifika fil-ĠU 2011 L 234, p. 46.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fit-2 ta' Lulju 2018 – Consorzio Tutela Aceto Balsamico di Modena vs BALEMA GmbH**

**(Kawża C-432/18)**

(2018/C 427/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Consorzio Tutela Aceto Balsamico di Modena

*Konvenuta:* BALEMA GmbH